Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-laqgħa wieħed u erbgħin (41), li kienet laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015 fil-5.15pm fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |

1. Talba

Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku, s-Sur Saviour Borg u bdiet b'talba.

2. Tiġdid tal-Kuntratt taħt l-iskema tas-CIES

Is-Seg. Eżekuttiv bdiet billi infurmat lil membri illi l-iskrivana taħt l-iskema tas-CIES, Christine Fenech għamlet rapport lil KNPD illi l-Kunsill ma hux ser iġeddilha l-Kuntratt. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi kienet offriet lis-Sna Fenech biex tirranġalha mal-Kunsill Lokali tal-Munxar u dan wara li kien hemm ftehim ukoll mas-Sna. Camilleri Aquilina tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Iżda għal xi raġuni is-Sna Fenech ma rieditx li tmur il-Kunsill Lokali tal-Munxar. Dakinhar stess is-Sna Christine Fenech infurmat lis-Seg. Eżekuttiv li ma tridx taħdem aktar mal-Kunsill wara li jiskadilha l-Kuntratt izda f'11.50 ta' filgħaxija irċeviet emejl minn għand Christine Fenech fejn talbet lil Kunsill sabiex iġġedded il-Kuntratt tagħha għal xahar. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret lil membri illi d-Dipartiment għal Gvern Lokali kien informa lil Kunsill b'ittra uffiċċjali fl-24 ta' Marzu 2015 illi l-Kuntratt tal-ħaddiema tas-CIES ma setax jiġi mġedded wara li jiskadi u li kien għalhekk li lejn l-aħħar ta' Lulju nbeda' l-proċess għar-reklutaġġ ta' skrivan ġdid mal-Kunsill. Wara tmien xhur fil-15 ta' Diċembru 2015 il-Kunsill irċieva emejl minn għand Isabella Camilleri Aquilina mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn l-Kunsill ġie infurmat illi l-ħaddiema tas-CIES seta' jiġġeddilhom il-Kuntratt għal sena oħra. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi issa ma kienx għad baqa' post fl-uffiċċju peress li l-uffiċċju żgħir ħafna biex jilqa' tlieta minn nies.

Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti is-Sindku propona u l-membri qablu illi l-Kuntratt jiġi mġedded sakemm issib xogħol ieħor. Il-membri talbu iżda


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S.Borg

sabiex is-Seg. Eżekuttiv tivverifika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk dan jistax isir.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta' fil-għaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555